Nru./No. 19,028
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Frar, 2013
Friday, 8th February, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1269 - 1275
Government Notices ..... *1269 - 1275*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1276 - 1277
Police Notices ..... *1276 - 1277*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1277 - 1278
Employment Opportunities ..... *1277 - 1278*

Avviżi tal-Gvern ..... 1278 - 1283
Notices ..... *1278 - 1283*

Offerti ..... 1284 - 1314
Tenders ..... *1284 - 1314*

Avviżi tal-Qorti ..... 1314 - 1328
Court Notices ..... *1314 - 1328*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 98

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A. (Educ), M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, bejn il-Ħamis, is-7 ta' Frar u l-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2013 matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P. Barra dan l-Onor. Chris Said, LL.D., M.A., M.P., Ministru għal Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Ministru tal-Intern bejn il-Ħamis, is-7 ta' Frar u l-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2013 matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-6 ta' Frar, 2013
(OPM 3/2013)

GOVERNMENT NOTICES

No. 98

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of the Prime Minister, between Thursday, 7th February and Friday, 8th February 2013 during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M, LL.D., M.P. Furthermore the Hon. Chris Said, LL.D., M.A., M.P., Minister for Justice, Dialogue and the Family, assumes the additional duties of the Ministry for Home Affairs between Thursday, 7th February and Friday, 8th February 2013 during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M, LL.D., M.P.

6th February, 2013

Nru. 99

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Donatella Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur (Int Law), Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mid-29 sat-30 ta' Jannar, 2013, iż-żewġ dati inklużi.

It-8 ta' Frar, 2013

No. 99

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Donatella Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur (Int Law), Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 29th to 30th January, 2013, both days inclusive.

8th February, 2013

Nru. 100

KUMITAT XJENTIFIKU DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kumitat Xjentifiku dwar il-Protezzjoni Ċivili maħtur skont subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili (Kap. 411) hu kostitwit kif ġej sat-30 ta' Ġunju, 2013.

Chairperson
Is-Sur Patrick Murgo, Direttur tal-Protezzjoni Ċivili

Membri
Prof. Alex Torpiano, BE&A, M.Sc., Ph.D., DIC, EurIng, MIStructE, A&CE (Arch & Civil Eng), Fakultà tal-Arkitettura, Università ta' Malta

Prof. Ray Ellul, B.Sc., M.Sc., Dr. Rer. Nat. (Essen), Dipartiment tal-Fiżika, Università ta' Malta

No. 100

CIVIL PROTECTION SCIENTIFIC COMMITTEE

IT is notified for general information that the Civil Protection Scientific Committee appointed in terms of subarticle (2) of article 6 of the Civil Protection Act (Cap. 411), is constituted as follows until 30th June, 2013.

Chairperson
Mr Patrick Murgo, Director of Civil Protection

Members
Prof. Alex Torpiano, BE&A, M.Sc., Ph.D., DIC, EurIng, MIStructE, A&CE (Arch & Civil Eng), Faculty of Architecture, University of Malta

Prof. Ray Ellul, B.Sc., M.Sc., Dr. Rer. Nat. (Essen), Department of Physics, University of Malta

Prof. Victor Ferrito, B.Sc., Ph.D. (Wales), FIFST., FRSH, Dipartiment tal-Farmaċija, l-Università ta' Malta

Prof. Alfred Vella, B.Sc., M.Sc., Ph.D. (Col. Sch. Mines), C.Chem, FRSC, Dipartiment tal-Kimika, l-Università ta' Malta

Is-Sinjura Joanne Mercieca, Direttur, *Defence Matters*, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Dott. Denis Vella Baldacchino, M.D., Dipartiment tas-Saħħa

Dott. Pauline Galea, B.Sc., M.Sc., Ph.D. (Wellington), Dipartiment tal-Fiżika, l-Università ta' Malta

Prof. Aldo Drago, Ph.D. (Southampton), B.Sc., M.Sc. (Physical Oceanography), M.Phil. (Soton), Direttur tal-*International Ocean Institute - Malta Operational Centre,* Università ta' Malta*; Head Physical Oceanography Unit,* Università ta' Malta

Dott. Petra Bianchi, Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Ing. Vince Attard, Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Segretarja
Ms Gillian Carbone, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

It-8 ta' Frar, 2013

Prof. Victor Ferrito, B.Sc., Ph.D. (Wales), FIFST., FRSH, Department of Pharmacy, University of Malta

Prof. Alfred Vella, B.Sc., M.Sc., Ph.D. (Col. Sch. Mines), C.Chem, FRSC, Department of Chemistry, University of Malta

Ms Joanne Mercieca, Director Defence Matters, Office nof the Prime Minister

Dr Denis Vella Baldacchino, M.D., Department of Health

Dr Pauline Galea, B.Sc., M.Sc., Ph.D. (Wellington), Department of Physics, University of Malta

Prof. Aldo Drago, Ph.D. (Southampton), B.Sc., M.Sc. (Physical Oceanography), M.Phil. (Soton), Director International Ocean Institute - Malta Operational Centre, University of Malta; Head Physical Oceanography Unit, University of Malta

Dr Petra Bianchi, Malta Environment Planning Authority

Eng. Vince Attard, Occupational Health and Safety Authority

Secretary
Ms Gillian Carbone, Department of Civil Protection

8th February, 2013

Nru. 101

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali mill-24 ta' Jannar 2013:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Ħal Tarxien	Paul Pace

It-8 ta' Frar, 2013

No. 101

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 24th January 2013:

Local Council	*Executive Secretary*
Ħal Tarxien	Paul Pace

8th February, 2013

Nru. 102

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali mill-4 ta' Frar 2013:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Santa Venera	Louise-Anne Gusman

It-8 ta' Frar, 2013

No. 102

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 4th February 2013:

Local Council	*Executive Secretary*
Santa Venera	Louise-Anne Gusman

8th February, 2013

Nru. 103

WARRANT MILL-MINISTRUTAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Stephen Borg
Dott. Victoria Ann Cremona
Dott. John Paul Grech
Is-Sur Christopher Grima
Is-Sinjura Natasha Meli Daudey

Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni
Is-Sinjura Marvic Axisa
Is-Sinjura Josette Borg
Is-Sinjura Monique Borg Olivier
Is-Sinjura Carmen Cassar
Is-Sinjura Claudine Cortis
Is-Sinjura Gillian Ellul
Is-Sur Darren Vassallo

B'Awtorità
Chris Said
Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja

L-4 ta' Frar, 2013
(MJDF/144/2013/1)

No. 103

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr Stephen Borg
Dr Victoria Ann Cremona
Dr John Paul Grech
Mr Christopher Grima
Ms Natasha Meli Daudey

Ministry for Infrastructure, Transport and Communications
Ms Marvic Axisa
Ms Josette Borg
Ms Monique Borg Olivier
Ms Carmen Cassar
Ms Claudine Cortis
Ms Gillian Ellul
Mr Darren Vassallo

By Authority
Chris Said
Minister for Justice, Dialogue and the Family

4th February, 2013

Nru. 104

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti

No. 104

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental

l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK. 144892
Post: Sit f' Estensjoni għal Salina Park, Triq il-Qawra k/m Triq J.F. Kennedy, San Pawl il-Baħar, Malta.
Proposta: Estensjoni għal Salina National Park - żona ta' rikreazzjoni *landscaped*/afforestata

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-17 ta' Lulju, 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-3 ta' Jannar, 2013.

issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK. 144892
Location: Site at Extension to Salina Park, Triq il-Qawra c/w Triq J.F. Kennedy, San Pawl il-Baħar, Malta
Proposal: Extension to Salina National Park - recreational landscaped/afforested area

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 17th July, 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 3rd January, 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart *Waste generation*	Minħabba li l-proġett qed jipproponi żona ta' rikreazzjoni b'intervent minimu, mhux probabbli li l-proġett se jinvolvi kwantitajiet kbar ta' skart solidu. Il-proġett x'aktarx li joħloq kwantitajiet żgħar ta' skart inerti u muniċipali li faċli jkunu ġestiti. *Since the nature of the project seeks to establish a recreational area with minimal intervention, it is unlikely that the project will involve large quantities of solid waste. The project is likely to generate small, easily manageable quantities of inert and municipal waste.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja, storbju u vibrazzjonijiet *Impact on air quality, noise and vibrations*	Huwa mistenni li se jkun hemm xi storbju, vibrazzjonijiet u impatti fuq il-kwalità l-arja, l-aktar matul il-fażi ta' kostruzzjoni. Madankollu, dawn aktarx li se jkunu minimi u ta' natura temporanja. Għandhom ikunu infurzati miżuri *standard* biex jittaffa l-impatt waqt il-kostruzzjoni skont ir-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007). Waqt l-operat, il-proġett se jġib żieda fin-numru ta' viżitaturi, li possibbilment iwassal għal livelli ogħla ta' storbju, iżda madankollu dan mhux mistenni li jkun konsiderevoli. *Noise, vibration and impacts on air quality are expected, mainly during the construction phase, however these are likely to be minimal and of a temporary nature. Standard mitigation measures during construction should be enforced in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007). During operation, the project will entail an increase in visitor numbers, which would possibly lead to increased noise levels, however this is not expected to be considerable*
Impatt permezz ta' dawl *Light pollution*	Matul il-lejl, aktarx li se jkun hemm tidwil tal-mogħdijiet u żoni ta' rikreazzjoni. Madankollu, l-emissjonijiet tad-dawl jistgħu jitnaqqsu permezz tal-użu ta' lampi li jħarsu 'l isfel (*down-lighters*), jew billi jitnaqqas id-dawl użat. *During night time, lighting along pathways and recreational areas is envisaged. Nevertheless, light emissions may be reduced through the use of down-lighters, or by minimisation of lighting.*
Impatti fuq il-wirt kulturali *Impact on cultural heritage*	Hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi fuq is-sit propost speċjalment waqt l-iskavi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet. *There is a possibility of archaeological remains being uncovered within the proposed site especially during excavations. Thus, consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required, especially regarding monitoring of works.*

Impatt viżiv	L-impatt viżiv tal-iżvilupp jista' jitnaqqas permezz ta' landscaping xieraq li jgħatti l-iżvilupp minn kull naħa. Kemm l-ispeċi magħżula, kif ukoll it-tqassim tat-tħawwil tagħhom, għandhom jirriflettu l-karatteristiċi tal-ambjent tal-madwar sabiex l-iżvilupp ikun integrat aħjar fil-pajsaġġ.
Visual impact	*Any visual impact of the development can be mitigated through suitable landscaping that screens the development on all fronts. Both the species and the planting layouts used should reflect the surrounding environmental characteristics for improved blending into the landscape.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiġu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni

It-8 ta' Frar, 2013

Nru. 105

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 05839/05
Post: B & B Construction, Triq Santa Marija, Il-Magħtab
Proposta: Kostruzzjoni ta' garaxxijiet u *shed* għall-produzzjoni ta' *pre-cast units*. Applikazzjoni tinkludi sanzjonar ta' varjazzjonijiet minn permess approvat PA2609/94.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-23 ta' Ottubru, 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-14 ta' Jannar, 2013.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

8th February, 2013

No. 105

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05839/05
Location: B & B Construction, Triq Santa Marija, Magħtab
Proposal: To construct garages and shed for the production of pre-cast units. Application includes the sanctioning of variations from approved permit PA2609/94.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 23rd October, 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 14th January, 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, l-iskart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet mhux meqjusa bħala sinifikanti. Waqt l-operat, l-iskart se jinkludi: (i) blokok tal-konkrit vojta (mhux bl-azzar) imkisrin/imħasra, (ii) *Predalle elements* (bl-azzar), (iii) *Off cuts* tal-azzar, u (iv) skart muniċipali. Matul l-operat, il-blokok tal-konkrit vojta ħa jiġu riċiklati fuq is-sit billi jitħalltu mal-konkrit tal-massa għall-produzzjoni tal-blokok tal-konkrit kbar. L-azzar integrat fil-*predalle elements* se jitneħħew kemm jista' jkun u l-materjal li jirriżulta jittieħed direttlejn barrieri ta' skart inerti jew ġo faċilità għall-metall. *Off cuts* tal-azzar se jkunu miġbura ġo skip li għandhom jittieħdu għar-riċiklaġġ. *Separation bins* se jinsabu qrib l-*office block*.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. During operation, the waste will include: (i) Broken/damaged hollow concrete blocks (no steel), (ii) Predalle elements (with steel), (iii) Off cuts of steel, and (iv) Municipal waste. During operation, broken/damaged hollow concrete blocks will be recycled on site by mixing with mass concrete for the production of the large concrete blocks. The embedded steel within predalle elements will be removed as much as possible and the resultant material is directed towards inert waste quarries or to a metal broker/facility, as applicable. Offcuts of steel will be collected in a skip to be taken for recycling. Separation bins will be located in close proximity to the office block.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi ħruġ ta' *Nitrogen Oxide (NOx)* mill-inġenji u traffiku. Madankollu, l-ebda impatt sinjifikattiv m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu trabijiet u ħruġ ta' *Nitrogen Oxide (NOx)* matul il-produzzjoni tal-konkrit u mit-traffiku operattiv. It-tqanqil ta' trabijiet waqt il-produzzjoni tal-konkrit jistgħu jitnaqqsu biżżejjed permezz ta' ddisinjar xieraq tal-impjant (faċilitajiet ġewwa, *dust filters,* knis regolari, sprej tal-ilma u faċilità ta' *wheel washing* fid-daħla/ħruġ tas-sit), ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri oħra li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. *Nitrogen Oxide (NOx)* mit-traffiku operattiv mhux mistenni li jkun sinifikanti.
Impact on air quality	*During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, dust will be generated during concrete production and from operational traffic. Dust generation during concrete production can be sufficiently abated through proper plant design (indoor facilities, dust filters, regular sweeping, water spray and wheel wash facility at the entrance/exit of the site), adequate waste management and other measures which could be managed through an operational permit. Nitrogen Oxide (NOx) from operational traffic is not expected to be significant.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet huma mistennija mill-magna li tipproduċi l-blokok tal-konkrit, madankollu minħabba l-pożizzjoni tagħhom (taħt il-livell tat-triq), storbju ġġenerat huwa mitigat u ma jaffettwax oqsma barra l-konfini tas-sit. Barra minn hekk, dan l-impatt jista' jittaffa biżżejjed permezz ta' ddisinjar tal-impjant kif xieraq u b'miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat.
Noise and vibrations	*Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations will be generated by the machine producing concrete blocks, however given its location (below street level), the generated noise is mitigated and will not affect areas outside the site boundary. Furthermore, such impact can be mitigated sufficiently through proper plant design and through measures which could be managed by means of an operational permit.*

Impatti fuq il-wirt kulturali	Għalkemm is-sit diġà żviluppat u jinsab f'żona industrijali, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet.
Impact on cultural heritage	*Although the site is already committed for such use and lies within an industrial area, there is a possibility of archaeological remains being uncovered and thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of works.*
Impatt permezz ta' dawl	Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni li diġà eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *down lighters,* u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi.
Light pollution	*Light emissions during night time will not present any particular impact over and above the current baseline situation. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*
Impatt viżiv	L-ebda impatt viżwali sinjifikanti mill-proposta huwa mistenni minħabba li s-sit ġa jintuża bħala impjant għall-manifattura tal-blokkok tal-konkrit (PA 2609/94), u minħabba t-topografija tas-sit. L-attivitajiet li jsiru fi ħdan is-sit jiġu skrinjati mill-bogħod u wkoll mit-triq li twassal għas-sit innifsu. Impatt viżwali maħluq mill-ħitan tal-konfini qed jittaffa permezz tal-proposta ta' *landscaping* addizzjonali.
Visual Impact	*No significant visual impacts from the proposal are envisaged given that the site already houses a concrete block manufacturing plant (PA 2609/94) and due to the topographical layout of the site. The activities carried out within the site are screened from distant views and also from the road leading to the site itself. Visual impact posed by the boundary walls is being mitigated through the proposal of additional landscaping.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-8 ta' Frar, 2013

8th February, 2013

Nru. 106

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 106

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
08. 02. 13	€40.068	€0.782

It-8 ta' Frar, 2013

8th February, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 10

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-ipparkjar, passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Għajnsielem - Għawdex

Bejn is-Sibt, id-9 ta' Frar 2013 u t-Tlieta, it-12 ta' Frar 2013 mill-5.00 a.m. sal-10.00 p.m. minn Triq ix-Xatt u Triq l-Imġarr.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Dan l-avviż japplika wkoll għal Ħdud u l-Festi Pubbliċi, bejn nofsinhar u nofsillejl.

Ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Frar, 2013 mis-2.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Knisja u Triq Orlando Zabbar.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Frar, 2013 mit-8.00 a.m. 'il quddiem minn Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq is-Santwarju u Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Frar, 2013 mis-2.00 p.m. 'il quddiem minn Triq ix-Xgħajra u Triq is-Santwarju.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Frar, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 11

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi se jkun sospiż jew devjat fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 10

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the parking, transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Għajnsielem - Gozo

Between Saturday, 9th February 2013 and Tuesday, 12th February 2013 from 5.00 a.m. to 10.00 p.m., through Triq ix-Xatt and Triq l-Imġarr.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

This notice applies to all Sundays and Public Holidays between 12.00 noon and midnight.

Xgħajra, Ħaż-Żabbar

On Sunday, 17th February 2013 from 2.00 p.m. onwards through Triq il-Knisja and Triq Orlando Zabbar.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 10th February 2013 from 8.00 a.m. onwards through Triq il-Kbira, corner with Triq is-Santwarju and Misraħ is-Sliem.

On Sunday, 17th February 2013 from 2.00 p.m. onwards through Triq ix-Xgħajra and Triq is-Santwarju.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th February, 2013

POLICE NOTICE

No. 11

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

In-Naxxar

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Marzu, 2013 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Castro, E. Debono, il-Parroċċa, San Ġorġ u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Marzu, 2013 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal il-21 ta' Settembru, l-Għenieq, il-Qoton u tal-Labour.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Marzu, 2013 mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Marzu, 2013 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' April, 2013 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Mejju, 2013 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, iż-Żenqa u Santa Luċija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Frar, 2013

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

IF 2011-11: Community Integration through Non-Formal Education

Sejħa għal Servizzi

Budget: IT Instructor - €5,000 (inklużi l-VAT)

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kwalifikati biex jipprovdu s-servizzi ta:

IT Training Services u *IT Lab Administrator*

bħala parti mill-attivitatijiet indirizzati lejn gruppi differenti li qed jiġu organizzati fi ħdan il-proġett.

Naxxar

On Friday, 8th March, 2013 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Castro, E. Debono, il-Parroċċa, San Ġorġ and il-Kbira.

On Friday, 22nd March, 2013 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal il-21 ta' Settembru, l-Għenieq, il-Qoton and tal-Labour.

On Friday, 29th March, 2013 from 2.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

On Sunday, 31st March, 2013 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

On Sunday, 14th April, 2013 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, iż-Żenqa and Santa Luċija.

On Sunday, 5th May, 2013 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, iż-Żenqa and Santa Luċija.

Vehicles found in contravention to the order of this Notice are subject to be towed.

8th February, 2013

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

IF 2011-11: Community Integration through Non-Formal Education

Call for Services

Budget: IT Instructor - €5,000 (inclusive of VAT)

The Foundation for Educational Services invites submissions from suitably qualified persons to provide the services of:

IT Training Services and IT Lab Administrator

as part of the activities targeting various groups being organised through the project.

Is-servizz huwa meħtieġ għal massimu ta' 250 siegħa minn Marzu 2013 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2013. Is-sessjonijiet jistgħu jsiru filgħodu, wara nofsinhar jew filgħaxija skont l-esiġenzi tal-parteċipanti, fiċ-Ċentru tal-Aċċess Il-Qawra.

Esperjenza: mill-inqas sentejn (2).

Aktar informazzjoni tinkiseb permezz ta' *email* fuq: (sara.falconi-vella@gov.mt) jew fuq telefon: 2258 6823.

Proposti, flimkien ma' *curriculum vitae,* jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, it-18 ta' Frar, 2013 u għandhom jintbagħtu lil: (sara.falconi-vella@gov.mt).

It-8 ta' Frar, 2013

Service is required for a maximum of 250 hours starting from March 2013 until not later than 30th June, 2013. Sessions may take place during the morning, afternoon or evenings depending on the participants and will take place at the Qawra Access Centre.

Experience: at least two (2) years.

Further information may be obtained from Sara Falconi on: (sara.falconi-vella@gov.mt) or telephon.: 2258 6823.

Proposals along with curriculum vitae will be accepted till noon of Monday, 18th February, 2013 and are to be sent to: (sara.falconi-vella@gov.mt).

8th February, 2013

Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni ta' Migrazzjoni
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (FI)
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE: 25% Fondi Nazzjonali
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

General Programme Solidarity and Management of Migration Flows 2007 – 2013
Project part-financed from the European Union
European Fund for the Integration of Third Country Nationals (IF)
Co-financing rate: 75% EU Funds: 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

Riżultati ta' Intervisti għall-Postijiet/Pożizzjonijiet fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet/pożizzjonijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management,* Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-Postijiet/Pożizzjonijiet huwa dawn li ġejjin:

Principal Fisheries Protection Officer fid-Direttorat għall-Kontroll tas-Sajd

Technical Officer (Fortifications Interpretation Centre Facilitator) fid-Direttorat tar-Restawr fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u s-Servizzi

It-8 ta' Frar, 2013

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Results of Interviews for the Posts/Positions within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the results of the interviews for the under-mentioned posts/positions have been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice- board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The Posts/Positions are the following:

Principal Fisheries Protection Officer in the Fisheries Control Directorate

Technical Officer (Fortifications Interpretation Centre Facilitator) in the Restoration Directorate in the Works and Services Department

8th February, 2013

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat tal-Intervisti għall-Post ta' Messaġġier Anzjan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Id-Direttur (*Resourcing*) jgħarraf illi r-riżultat għall-intervisti għall-post fuq imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u jinsab fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta (dħul minn Triq San Pawl), u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-8 ta' Frar, 2013

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultati ta' Intervisti għal Postijiet/Pożizzjonijiet fil-Ministeru għal Għawdex

Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi ir-riżultati għall-postijiet/pożizzjonijiet imsemmija hawn taħt fil-Ministeru għal Għawdex ġew ipubblikati u wieħed jista' jara dawn ir-riżultati fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Belt Vallettta.

Il-postijiet/pożizzjonijiet huma dan li ġejjin:

Assistant Principal Medical Laboratory Scientist fid-Direttorat tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex);

Senior Principal Medical Laboratory Scientist fid-Direttorat tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex);

Senior Principal Environmental Health Officer fid-Direttorat tal-*Customer Services* (Spettorat tas-Servizzi tas-Saħħa).

It-8 ta' Frar, 2013

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija (EFL)

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija jgħarrfu lill-kandidati, li huma interessati li joqogħdu għall-eżami għall-għalliema tal-Lingwa Ingliża li se jkun aċċettat bħala suġġett alternattiv għall-Inġliż fil-livell Avvanzat bil-għan li jinħareġ Permess għat-Tagħlim tal-EFL, li l-applikazzjonijiet

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of Interviews for the Post of Senior Messenger in the Malta Public Service

The Director (Resourcing) notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board of the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta (entrance from Triq San Pawl), and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

8th February, 2013

MINISTRY FOR GOZO

Results of Interviews for Posts/Positions in the Ministry for Gozo

The Permanent Secretary, Ministry for Gozo notifies that the results for the filling of undermentioned posts/positions in the Ministry for Gozo have been published and may be viewed on the notice-board at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board at the office of the Public Service Commission, Valletta.

The posts/positions are the following:

Assistant Principal Medical Laboratory Scientist in the Customer Services Directorate (Gozo General Hospital);

Senior Principal Medical Laboratory Scientist in the Customer Services Directorate (Gozo General Hospital);

Senior Principal Environmental Health Officer in the Customer Services Directorate (Health Inspectorate Services).

8th February, 2013

EXAMINATIONS DEPARTMENT

English as a Foreign Language (EFL) Monitoring Board

The Director of Examinations and the EFL Monitoring Board notify candidates, who are interested to sit for TELT(Test for English Language Teachers)which will be accepted as an alternative to Advanced Level in English for the purpose of issuing EFL Teaching Permits, that application forms will be received from Monday, 18th February 2013

se jintlaqgħu mit-Tnejn, it-18 ta' Frar 2013 sal-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu 2013, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m. f'dawn l-uffiċċji:-

Kandidati f'Malta:-	Dipartiment tal-Eżamijiet Floriana - Malta
Kandidati f'Għawdex:-	Ċentru tal-Eżamijiet Ir-Rabat - Għawdex

2. L-eżami se jkun jikkonsisti fl-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż u t-Tieni Parti – Oral bl-Ingliż.

3. L-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż sejra ssir nhar is-Sibt, is-16 ta' Marzu 2013.

4. It-Tieni Parti se tkun miftuħa biss għal dawk il-kandidati li jikkwalifikaw fl-Ewwel Parti tal-Eżami fil-Lingwa Ingliża.

5. It-Tieni Parti ssir f'Mejju 2013.

6. Il-kandidati huma mistennija li jgħaddu minn kull parti tal-Eżami fil-Lingwa Ingliża.

7. L-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż sejra tkun amministrata mid-Direttur tal-Eżamijiet, filwaqt li l-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża se jkun responsabbli mit-Tieni Parti – Oral bl-Ingliż u mill-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

8. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża sejrin ikollhom is-setgħa li jittrattaw sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa sabiex jiggwidaw lill-kandidati. Il-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża jżomm id-dritt li jħassar parti jew l-eżami kollu, jekk tinstab xi irregolarità dwar l-eżami.

9. Ma' kull applikazzjoni, il-kandidati għandhom iħallsu l-prezz ta' €46.50 u jippreżentaw kopja tal-karta uffiċjali tal-Identità tagħhom jew ta' mezz ieħor ta' identifikazzjoni.

10. Formoli tal-applikazzjoni u kopji tas-sillabu jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana - Malta jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat - Għawdex. Dawn l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet: (www.exams.gov.mt).

It-8 ta' Frar, 2013

to Friday, 1st March 2013 between 8.00 a.m. and noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m. at the following offices:-

Malta candidates:-	Examinations Department Floriana - Malta
Gozo candidates:-	Examinations Centre Victoria - Gozo

2. The examination will consist of Part I – Written Session in English and Part II – Oral Session in English.

3. Part I – Written Session in English will be held on Saturday, 16th March 2013.

4. Part II – Oral Session in English will only be open to those candidates who successfully complete Part I of the English Language Examination.

5. Part II will be held in May 2013.

6. In order to pass, candidates are expected to obtain a Pass, Pass with Merit or a Distinction in each part of the examination.

7. Part I – Written Session in English will be administered by the Director of Examinations while the EFL Monitoring Board will be responsible for Part II – Oral Session in English and the publication of the final result.

8. The Director of Examinations and the EFL Monitoring Board will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates. The EFL Monitoring Board reserves the right to annul any part or the whole examination if any irregularity is detected in the English Language Examination.

9. Together with each application, candidates must pay a fee of €46.50 and produce a copy of their official I.D. Card or other means of identification.

10. Application forms and copies of the syllabus may be obtained from the Examinations Department, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana - Malta or the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo. These application forms may also be downloaded from the website of the Examinations Department: (www.exams.gov.mt).

8th February, 2013

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi skont is-subartikolu (3A) tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), dawk il-persuni li ser ikunu msiefra f'jum il-votazzjoni nhar is-Sibt, id-9 ta' Marzu, 2013, u li ser jagħmlu dan b'dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem il-Kummissjonarji Elettorali sabiex ikunu jistgħu jivvotaw nhar is-Sibt, it-2 ta' Marzu, 2013, għandhom jagħmlu din id-dikjarazzjoni bil-ġurament fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta jew fl-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Misraħ San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex mit-Tnejn, il-11 ta' Frar, 2013 sa nofsinhar tal-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2013, skont il-ħinijiet murija hawn taħt:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:

Mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.
u mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

Is-Sibtijiet u l-Ħdud:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.

Il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2013, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-8 ta' Frar, 2013

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

